

Brussell, 13 ta' April 2023
(OR. en)

8219/23

FIN 415

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	13 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Johanna LYBECK LILJA, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 07/2023 fit-Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument tal-Kummissjoni DEC 07/2023.

Mehmuż: DEC 07/2023



BRUSSELL, 13/04/2023

BAĠIT ĠENERALI - 2023

TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 01, 13

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 07/2023**

MINN

KAPITOLU - 0102 Orizzont Ewropa

PARTITA - 01 02 99 01 Tlestija ta' programmi ta' riċerka preċedenti (qabel l-2021)	Pagamenti	-52 228 847.20
--	-----------	----------------

KAPITOLU - 0103 Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom

ARTIKOLU - 01 03 01 Riċerka u żvilupp fil-fużjoni	Pagamenti	-14 772 513.80
---	-----------	----------------

PARTITA - 01 03 99 01 Tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti tal-Euratom (qabel l-2021)	Pagamenti	-40 998 639.00
--	-----------	----------------

GĦAL

KAPITOLU - 1304 Mobbiltà militari

ARTIKOLU - 13 04 01 Mobbiltà militari	Pagamenti	108 000 000.00
---------------------------------------	-----------	----------------

Dan it-trasferiment jipproponi li tissaħħaħ il-fergħa tal-Mobbiltà Militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) b'EUR 108 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-Kummissjoni aċċellerat l-implimentazzjoni tal-Mobbiltà Militari tal-FNE, li twassal għal żieda fil-ħtiġijiet fil-prefinanzjament fl-2023.

Il-ħtiġijiet ta' pagament addizzjonali għall-Mobbiltà Militari jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' trasferiment mill-Euratom u minn Orizzont Ewropa.

Id-disponibbiltà tal-appropriazzjonijiet ta' pagament identifikati għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom hija dovuta għall-posponiment ta' pagament lill-konsorzju EUROfusion għall-2024 kif ukoll għal kostijiet tal-pretensjonijiet aktar baxxi milli mistenni. Fir-rigward ta' Orizzont Ewropa, il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 għad għandhom impatt fuq it-tlestija tal-azzjonijiet ta' Orizzont 2020: diversi emendi ta' ftehimiet ta' għotja estendew it-tul ta' żmien tal-proġetti ta' riċerka li min-naħa tagħha wasslet għal implimentazzjoni aktar bil-mod u tnaqqis fil-kostijiet iddikjarati mill-benefiċjarji f'dan l-istadju.

I. TNAQQIS

I.1

a) Intestatura

01 02 99 01 - Tlestija ta' programmi ta' riċerka preċedenti (qabel l-2021)

b) Ċifri fit-30/03/2023

	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	3 147 625 008.00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-appropriazzjonijiet għas-sena (1+2)	3 147 625 008.00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	588 204 399.24
5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)	2 559 420 608.76
6 Tnaqqis propost	52 228 847.20
7 Total tal-appropriazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	2 507 191 761.56
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet fil-baġit (6/1)	1,66 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	54 907 705.36
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-30/03/2023	38 282 978.65
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	30,28 %

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Il-ħtiġijiet ta' pagament għall-2023 f'din il-linja baġitarja ġew riveduti 'l isfel għal żewġ raġunijiet ewlenin:

1. minn naħa waħda, it-tlestija ta' azzjonijiet immedija skont Orizzont 2020 – ġiet ittardjata b'serje ta' emendi tal-ftehimiet ta' għotja biex jiġi estiż it-tul ta' żmien tal-proġetti ta' riċerka. Dawn l-estensjonijiet immodifikaw id-data tat-tmiem tal-proġetti kkonċernati, u sa ċertu punt ukoll il-perjodi għar-rapportar interim. Id-dewmien fil-perjodi ta' rapportar finali jaffettwa l-mument meta jsiru l-pagamenti finali korrispondenti: id-distribuzzjoni ta' dawn il-pagamenti maż-żmien issa tinfirx fuq 20 xahar mid-data tat-tmiem tar-rapportar, minflok disa' xhur.
2. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni setgħet tavvanza xi pagamenti ppjanati għall-2023 għal Diċembru 2022.

Konsegwentement, ammont totali ta' EUR 52,2 miljun jista' jsir disponibbli f'dan l-istadju, sakemm issir valutazzjoni aktar fil-fond tas-surplus mistenni fi tmiem is-sena 2023.

I.2

a) Intestatura

01 03 01 - Riċerka u żvilupp tal-fużjoni

b) Ċifri fit-30/03/2023

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	107 513 531.00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	107 513 531.00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	1 023 354.43
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	106 490 176.57
6 Tnaqqis propost	14 772 513.80
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	91 717 662.77
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	13,74 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fit-30/03/2023	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Din il-linja baġitarja tintuża kważi kompletament għal għotjiet lill-konsorzju EUROFUSION. Dan il-konsorzju jidderieġi u jintegra r-riċerka madwar l-Ewropa fi programm komprensiv ta' riċerka u żvilupp biex titwettaq l-enerġija mill-fużjoni, b'żewġ pilastri ewlenin: 1) it-tnejn għall-esperimenti tal-ITER, u 2) l-iżvilupp ta' kunċett għad-dimostrazzjoni futura ta' impjant tal-enerġija mill-fużjoni.

EUROFUSION huwa mistenni jippreżenta kostijiet tal-pretensjonijiet taħt il-livell assunt fiż-żmien tat-tnejn tal-Abbozz tal-Baġit 2023. Dan huwa dovut l-aktar għal dewmien fl-ikkummissjonar ta' ċerti faċilitajiet ta' riċerka u fis-sottokuntrattar mal-benefiċjarji tiegħu. Minħabba l-kapaċità limitata ta' assorbiment f'partijiet oħra tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, jista' jsir disponibbli ammont ta' EUR 14,8 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

I.3

a) Intestatura

01 03 99 01 - Tlestija tal-programmi ta' riċerka preċedenti tal-Euratom (qabel I-2021)

b) Ċifri fit-30/03/2023

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	52 083 796.00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	52 083 796.00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	3 309 713.90
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	48 774 082.10
6 Tnaqqis propost	40 998 639.00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)	7 775 443.10
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	78,72 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fit-30/03/2023	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Il-ħtiġijiet ta' pagament għall-2023 f'din il-linja baġitarja ġew riveduti 'l isfel, minħabba li pagament finali lill-konsorzju EUROfusion li inizjalment kien previst fl-2023 ġie pospost għall-2024. Dan huwa dovut għall-komplessità tat-talba għal pagament finali, li għaliha 213-il beneficijarju, 60 Ċertifikat dwar ir-Rapporti Finanzjarji kif ukoll 50 awditu jeħtieġ li jiġu inkorporati fil-kalkoli finanzjarji.

Minħabba l-kapaċità limitata ta' assorbiment f'partijiet oħra tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, jista' jsir disponibbli ammont ta' EUR 41 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament.

II. ŻIEDA

II.1

a) Intestatura

13 04 01 - Mobbiltà militari

b) Ċifri fit-30/03/2023

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	130 000 000.00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	130 000 000.00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	0,00
5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)	130 000 000.00
6 Żieda mitluba	108 000 000.00
7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)	238 000 000.00
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	83,08 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	Pagamenti
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	0,00
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fit-30/03/2023	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	mhux applikabbli

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

L-approprijazzjonijiet ta' pagament attwalment disponibbli skont il-fergħa tal-Mobbiltà Militari tal-programm tat-Trasport tal-FNE mhumie x biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet tal-2023.

Fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, il-Kummissjoni aċċellerat l-implimentazzjoni tal-Mobbiltà militari tal-FNE sa fejn ikun possibbli. Hija għamlet dan billi mexxiet 'il quddiem it-tnedija tas-sejħa tal-2022 minn Settembru għal Mejju 2022, ħaffet l-evalwazzjoni u l-għażla tal-proposti ppreżentati u qablet mal-Istati Membri fil-kumitat ta' koordinazzjoni FNE-Trasport li tintuża l-flessibbiltà offruta mill-Programm ta' Fiddma biex jiġi mobilizzat il-baġit tal-pakkett tal-Mobbiltà Militari sabiex jiġi massimizzat l-appoġġ f'pagamenti akkont annwali, li jippermetti l-finanzjament ta' proġetti ta' kwalità addizzjonali għal ammont totali oġġla.

Bi tweġiba għas-sejħa tal-2022, ġew ippreżentati 53 proposta eliġibbli għal kontribuzzjoni totali mitluba mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ta' madwar EUR 1 biljun. Wara l-proċess ta' evalwazzjoni, ġew rakkomandati 35 proposta għal finanzjament, b'ammont globali ta' finanzjament mill-FNE ta' EUR 616 miljun. Dan huwa kważi d-doppju tas-sejħa ppjanata inizjalment għal ammont ta' EUR 330 miljun.

B'konsegwenza ta' dan, ammont addizzjonali ta' EUR 108 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament huwa meħtieġ lil hinn mill-ammont attwalment disponibbli fl-2023 biex jiġi kopert il-prefinanzjament tal-proġetti ta' suċċess.